Barra minn hekk, f'konformità mal-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2021/241 fir-rigward tal-kapitoli tar-REPowerEU fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1060, ir-Regolament (UE) 2021/2115, id-Direttiva 2003/87/KE u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814, id-dħul assenjat estern li jirriżulta mir-rikavati tal-Iskemi għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet imdaħħal fid-dikjarazzjoni tad-dħul jagħti lok għall-provvediment ta' approprjazzjonijiet għal dan il-programm taħt dan it-titolu għal ammont totali ta' EUR 20 000 000 000 f'impenji. L-ammonti indikati fir-rimarki baġitarji tal-linji baġitarji rilevanti taħt dan it-titolu jipprovdu informazzjoni dwar l-ammont mistenni ta' impenji baġitarji fl-2023.

L-istrument ta' Appoġġ Tekniku għandu l-għan li jippromwovi l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni billi jappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri biex jimplimentaw ir-riformi. Dan huwa meħtieġ biex jitħeġġeġ l-investiment, tiżdied il-kompetittività u tinkiseb konverġenza ekonomika u soċjali sostenibbli, reżiljenza u rkupru. L-għan tal-Istrument huwa li jappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri biex ifasslu, jiżviluppaw u jimplimentaw riformi u ħejju, jiżviluppaw, jemendaw u jimplimentaw pjanijiet ta' rkupru u reżiljenza skont ir-Regolament (UE) 2021/241. Dan jinkludi tissaħħaħ il-kapaċità istituzzjonali u amministrattiva tagħhom, sabiex jikkwantifikaw b'mod xieraq l-ispejjeż, l-istadji importanti u l-miri, inkluż fil-livell reġjonali u lokali, biex jiffaċilitaw tranżizzjonijiet soċjalment inklużivi, ekoloġiċi u diġitali, biex jindirizzaw b'mod effettiv l-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż u biex jimplimentaw il-liġi tal-Unjoni.

Bażiġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi Strument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 23).

Ir-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi Strument ta' Appoġġ Tekniku (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 1).

Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

06 02 01 Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza — appoġġ li ma jitħallasx lura

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2023		Baġit emendatorju Nru 1/2023		Ammont ġdid	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	p.m.			p.m.	p.m.

KAPITOLU 06 02 — IL-FAĊILITÀ GĦALL-IRKUPRU U R-REŻILJENZA U L-ISTRUMENT TA' APPOĠĠ TEKNIKU *(ikompli)*

06 02 01 *(ikompli)*

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ispejjeż għall-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza sabiex tipprovdi lill-Istati Membri b'appoġġ finanzjarju bil-ħsieb li jintlaħqu l-istadji importanti u l-miri tar-riformi u l-investimenti stabbiliti fil-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza. Dak l-objettiv speċifiku għandu jiġi segwit f'kooperazzjoni mill-qrib u trasparenti mal-Istati Membri kkonċernati.

Dan l-appoġġ se jkollu l-għan, b'mod partikolari, li jipprovdi kontribuzzjonijiet finanzjarji għal riformi strutturali u investimenti mmirati biex jindirizzaw l-isfidi identifikati fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

Rikavati minn EURI	103 451 050 000	5	0	4	0
Dħul ieħor assenjat	1 900 000 000	6	1	1	0

IL-KUMMISSJONI

TITOLU 08

AGRIKOLTURA U POLITIKA MARITTIMA

TITOLU 08

AGRIKOLTURA U POLITIKA MARITTIMA

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2023		Bażit emendatorju Nru 1/2023		Ammont ġdid	
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
08 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ TAL-CLUSTER "AGRIKOLTURA U POLITIKA MARITTIMA"	14 115 296	14 115 296			14 115 296	14 115 296
08 02	IL-FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA (FAEG)	40 687 640 851	40 693 611 207			40 687 640 851	40 693 611 207
08 03	IL-FOND AGRIKOLU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP RURALI (FAEŻR)	12 932 826 920	15 085 340 175			12 932 826 920	15 085 340 175
08 04	FOND EWROPEW GĦALL-AFFARIJIET MARITTIMI, IS-SAJD U L-AKKWAKULTURA (FEMSA)	1 095 129 432	880 910 362			1 095 129 432	880 910 362
08 05	FTEHIMIET TA' SĦUBIJA DWAR IS-SAJD SOSTENIBBLI (SFPAS) U ORGANIZZAZZJONIJIET REĠJONALI TAL-ĠESTJONI TAS-SAJD (RFMOS)	113 293 754	122 918 754			113 293 754	122 918 754
	Riżervi (30 02 02)	*48 725 000*	*28 225 000*			*48 725 000*	*28 225 000*
		162 018 754	151 143 754			162 018 754	151 143 754
08 10	AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI	29 535 287	29 535 287			29 535 287	29 535 287
08 20	PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA	1 500 000	4 085 322			1 500 000	4 085 322
	Titolu 08 — Total	**54 874 041 540**	**56 830 516 403**			**54 874 041 540**	**56 830 516 403**
	Riżervi (30 02 02)	***48 725 000***	***28 225 000***			***48 725 000***	***28 225 000***
	Total inklużi r-riżervi	**54 922 766 540**	**56 858 741 403**			**54 922 766 540**	**56 858 741 403**

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 08 — *AGRIKOLTURA U POLITIKA MARITTIMA*

TITOLU 08

AGRIKOLTURA U POLITIKA MARITTIMA

KAPITOLU 08 03 — IL-FOND AGRIKOLU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP RURALI (FAEŻR)

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2023		Baġit emendatorju Nru 1/2023		Ammont ġdid	
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
08 03	IL-FOND AGRIKOLU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP RURALI (FAEŻR)							
08 03 01	***Tipi ta' interventi għall-iżvilupp rurali***							
08 03 01 01	Tipi ta' interventi għall-iżvilupp rurali permezz tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK	3.2	12 904 404 700	1 612 000 000			12 904 404 700	1 612 000 000
08 03 01 02	Tipi ta' interventi għall-iżvilupp rurali — programmi tal-2014–2022	3.2	p.m.	13 450 000 000			p.m.	13 450 000 000
08 03 01 03	Tipi ta' interventi għall-Iżvilupp Rurali ffinanzjati mill-Istrument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea (EURI)	3.2	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
	Artikolu 08 03 01 — Sub-total		12 904 404 700	15 062 000 000			12 904 404 700	15 062 000 000
08 03 02	***Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) — Assistenza teknika operazzjonali***	3.2	28 422 220	23 340 175			28 422 220	23 340 175
08 03 03	***Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) — Assistenza teknika operazzjonali ffinanzjata mill-Istrument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea (EURI)***	3.2	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
08 03 04	***Fond InvestEU — Kontribuzzjoni mill-FAEŻR***	3.2	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
~~***08 03 05***~~	~~***Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza — Kontribuzzjoni mill-FAEŻR***~~	~~3.2~~	~~p.m.~~	~~p.m.~~				

KAPITOLU 08 03 — IL-FOND AGRIKOLU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP RURALI (FAEŻR) *(ikompli)*

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2023		Baġit emendatorju Nru 1/2023		Ammont ġdid	
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
08 03 99	***Tlestija ta' programmi u attivitajiet preċedenti***							
08 03 99 01	Tlestija ta' programmi preċedenti tal-iżvilupp rurali — Nefqa operazzjonali (qabel l-2014)	3.2	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
08 03 99 02	Tlestija tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) — Assistenza teknika operazzjonali (qabel l-2021)	3.2	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
	Artikolu 08 03 99 — Sub-total		p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
	Kapitolu 08 03 — Total		**12 932 826 920**	**15 085 340 175**			**12 932 826 920**	**15 085 340 175**

Kummenti

L-approprjazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru l-finanzjament tal-interventi tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK iffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) tul il-perjodu ta' programmazzjoni 2023-2027, kif ukoll programmi tal-2014-2020 f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 li huma estiżi għall-2021 għall-2022 skont ir-regoli tranżizzjonali stabbiliti skont ir-Regolament (UE) 2020/2220. Dawk l-approprjazzjonijiet jistgħu jintużaw ukoll biex ikopru kwalunkwe pagamenti pendenti għall-miżuri tal-FAEŻR qabel l-2014 u biex tiġi ffinanzjata l-assistenza teknika bl-inizjattiva tal-Kummissjoni fil-limitu ta' 0,25 % tal-pakkett tal-FAEŻR.

Il-FAEŻR jipprovdi beni pubbliċi ambjentali u klimatiċi speċifiċi, itejjeb il-kompetittività tas-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija, u jippromwovi d-diversifikazzjoni tal-attività ekonomika u tal-kwalità tal-ħajja u tax-xogħol fiż-żoni rurali, inkluż iż-żoni b'restrizzjonijiet speċifiċi.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi terzi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni u kwalunkwe dħul assenjat ieħor imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-artikolu jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

Barra minn hekk, u f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094, id-dħul assenjat estern li jirriżulta mir-rikavati ta' NextGenerationEU/l-Istrument tal-Irkupru tal-Unjoni Ewropea mdaħħal fid-dikjarazzjoni tad-dħul jagħti lok għall-provvediment ta' approprjazzjonijiet għal dan il-programm f'dan il-kapitolu għal ammont totali ta' EUR 8 070 486 840 f'impenji fl-2021 u l-2022. L-ammonti indikati fir-rimarki tal-bagit tal-linji bagitarji rilevanti f'dan il-kapitolu jipprovdu informazzjoni dwar l-approprjazzjonijiet ta' pagament mistennija fl-2023.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 08 — *AGRIKOLTURA U POLITIKA MARITTIMA*

KAPITOLU 08 03 — IL-FOND AGRIKOLU EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP RURALI (FAEŻR) *(ikompli)*

Bażiġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

Ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 487).

Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/2094 tal-14 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi Strument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru biex jappoġġa l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 23).

Ir-Regolament (UE) 2020/2220 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi ċerti dispożizzjonijiet tranżizzjonali għall-appoġġ mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) fis-snin 2021 u 2022 u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013, (UE) Nru 1306/2013 u (UE) Nru 1307/2013 fir-rigward tar-riżorsi u l-applikazzjoni fis-snin 2021 u 2022 u r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 fir-rigward tar-riżorsi u d-distribuzzjoni ta' tali appoġġ fir-rigward tas-snin 2021 u 2022 (ĠU L 437, 28.12.2020, p. 1).

Ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017 (ĠU L 107, 26.3.2021, p. 30).

Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1).

Ir-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 187).

~~***08 03 05***~~ ~~***Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza — Kontribuzzjoni mill-FAEŻR***~~

~~*Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)*~~

~~Approprjazzjonijiet 2023~~		~~Bagit emendatorju Nru 1/2023~~		~~Ammont ġdid~~	
~~Impenji~~	~~Pagamenti~~	~~Impenji~~	~~Pagamenti~~	~~Impenji~~	~~Pagamenti~~
~~p.m.~~	~~p.m.~~				

IL-KUMMISSJONI

TITOLU 09

AMBJENT U AZZJONI KLIMATIKA

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 09 — *AMBJENT U AZZJONI KLIMATIKA*

TITOLU 09

AMBJENT U AZZJONI KLIMATIKA

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2023		Bażit emendatorju Nru 1/2023		Ammont ġdid	
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
09 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TA' APPOĠĠ TAL-CLUSTER "AMBJENT U AZZJONI KLIMATIKA"	25 786 341	25 786 341			25 786 341	25 786 341
09 02	IL-PROGRAMM GĦALL-AMBJENT U L-AZZJONI KLIMATIKA (LIFE)	729 734 939	496 902 826	602 000	602 000	730 336 939	497 504 826
09 03	FOND GĦAL TRANŻIZZJONI ĠUSTA (JFT)	1 466 200 981	2 800 000			1 466 200 981	2 800 000
09 04	FAĊILITÀ TA' SELF GĦAS-SETTUR PUBBLIKU PERMEZZ TAL-MEKKANIŻMU GĦAL TRANŻIZZJONI ĠUSTA (JTM)	50 000 000	p.m.			50 000 000	p.m.
09 10	AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI	56 665 820	56 665 820			56 665 820	56 665 820
	Riżervi (30 02 02)	*2 903 604*	*2 903 604*	*– 602 000*	*– 602 000*	*2 301 604*	*2 301 604*
		59 569 424	59 569 424	– 602 000	– 602 000	58 967 424	58 967 424
09 20	PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA	5 200 000	11 944 592	4 150 000	1 565 679	9 350 000	13 510 271
	Titolu 09 — Total	**2 333 588 081**	**594 099 579**	**4 752 000**	**2 167 679**	**2 338 340 081**	**596 267 258**
	Riżervi (30 02 02)	***2 903 604***	***2 903 604***	***– 602 000***	***– 602 000***	***2 301 604***	***2 301 604***
	Total inklużi r-riżervi	**2 336 491 685**	**597 003 183**	**4 150 000**	**1 565 679**	**2 340 641 685**	**598 568 862**

TITOLU 09

AMBJENT U AZZJONI KLIMATIKA

KAPITOLU 09 02 — IL-PROGRAMM GĦALL-AMBJENT U L-AZZJONI KLIMATIKA (LIFE)

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2023		Bağit emendatorju Nru 1/2023		Ammont ġdid	
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
09 02	IL-PROGRAMM GĦALL-AMBJENT U L-AZZJONI KLIMATIKA (LIFE)							
09 02 01	***Natura u bijodiversità***	3.2	279 011 676	99 323 396			279 011 676	99 323 396
09 02 02	***Ekonomija ċirkolari u kwalità tal-ħajja***	3.2	179 112 556	71 129 430	602 000	602 000	179 714 556	71 731 430
09 02 03	***Mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u adattament għalih***	3.2	128 608 139	48 625 000			128 608 139	48 625 000
09 02 04	***Tranżizzjoni lejn enerġija nadifa***	3.2	143 002 568	56 825 000			143 002 568	56 825 000
09 02 99	***Tlestija ta' programmi u attivitajiet preċedenti***							
09 02 99 01	Tlestija ta' programmi preċedenti fil-qasam tal-ambjent u l-azzjoni klimatika (LIFE) (qabel l-2021)	3.2	p.m.	221 000 000			p.m.	221 000 000
	Artikolu 09 02 99 — Sub-total		p.m.	221 000 000			p.m.	221 000 000
	Kapitolu 09 02 — Total		**729 734 939**	**496 902 826**	**602 000**	**602 000**	**730 336 939**	**497 504 826**

Kummenti

L-approprjazzjonijiet f'dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru azzjonijiet li jikkontribwixxi għat-tranżizzjoni lejn ekonomija nadifa, ċirkolari, effiċjenti fl-enerġija, b'emissjonijiet baxxi tal-karbonju u reżiljenti għat-tibdil fil-klima, inkluż permezz tat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, lejn protezzjoni u titjib tal-kwalità tal-ambjent u lejn waqfien u restawr tat-telf tal-bijodiversità, u għalhekk jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli.

Il-programm LIFE jista' jipprovdi finanzjament fi kwalunkwe waħda mill-forom stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju, b'mod partikolari għotjiet, premjijiet u akkwist. Jista' jipprovdi wkoll finanzjament fil-forma ta' strumenti finanzjarji f'operazzjonijiet ta' taħlit, li għandhom jiġu implimentati skont ir-Regolament (UE) 2021/523.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi terzi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, u kwalunkwe dħul assenjat ieħor imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 09 — *AMBJENT U AZZJONI KLIMATIKA*

KAPITOLU 09 02 — IL-PROGRAMM GĦALL-AMBJENT U L-AZZJONI KLIMATIKA (LIFE) *(ikompli)*

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-artikolu jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

Bażiġuridika

Ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017 (ĠU L 107, 26.3.2021, p. 1).

Ir-Regolament (UE) 2021/783 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni dwar il-Klima (LIFE), u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 (ĠU L 172, 17.5.2021, p. 53).

Atti ta' referenza

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM(2019) 640 final).

09 02 02 Ekonomija ċirkolari u kwalità tal-ħajja

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2023		Baġit emendatorju Nru 1/2023		Ammont ġdid	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
179 112 556	71 129 430	602 000	602 000	179 714 556	71 731 430

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa relatata mal-implimentazzjoni tas-sottoprogramm speċifiku għall-ekonomija ċirkolari u l-kwalità tal-ħajja tal-programm LIFE.

Dan is-sottoprogramm għandu l-għan li jiffaċilita t-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli, ċirkolari, effiċjenti fl-użu tal-enerġija u reżiljenti għat-tibdil fil-klima u li jipproteġi, jirrestawra u jtejjeb il-kwalità tal-ambjent.

Din tappoġġa proġetti li jiffukaw fuq it-twettiq tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Dawn se jkunu azzjonijiet relatati mat-tranżizzjoni lejn ekonomija effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, il-ġestjoni tar-riżorsi naturali, bħall-arja, l-ilma u l-art biex tinkiseb l-ambizzjoni ta' tniġġis żero, it-tisħiħ tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni ambjentali, kif ukoll il-promozzjoni ta' governanza ambjentali tajba.

KAPITOLU 09 02 — IL-PROGRAMM GĦALL-AMBJENT U L-AZZJONI KLIMATIKA (LIFE) *(ikompli)*

09 02 02 *(ikompli)*

Din tinkludi:

— il-finanzjament ta' tekniki, metodi u approċċi innovattivi biex jintlaħqu l-objettivi tal-leġiżlazzjoni u l-politika tal-Unjoni dwar l-ambjent, u biex jingħata kontribut għall-bażi tal-għarfien u għall-applikazzjoni tal-aqwa prattiki,

— l-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-infurzar tal-politiki u l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, inkluż billi ttejjeb il-governanza f'kull livell, b'mod partikolari bit-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-atturi pubbliċi u privati u l-involviment tas-soċjetà ċivili,

— l-appoġġ għal azzjonijiet maħsuba biex jikkatalizzaw l-użu fuq skala kbira ta' soluzzjonijiet tekniċi u relatati mal-politika ta' suċċess għall-implimentazzjoni tal-politika u l-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar l-ambjent, billi jirreplikaw ir-riżultati, jintegraw l-objettivi relatati mal-ambjent f'politiki oħra u fil-prattiki tas-settur pubbliku u privat, u billi jimmobilizzaw l-investiment u jtejbu l-aċċess għall-finanzi.

Il-kostijiet tal-assistenza teknika għall-għażla, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u l-awditjar tal-proġetti, u tal-appoġġ għall-attivitajiet ta' komunikazzjoni, azzjonijiet tal-IT, l-organizzazzjoni ta' gruppi ta' ħidma, konferenzi u laqgħat, kif ukoll attivitajiet oħra ta' governanza (inkluż appoġġ lil organizzazzjonijiet nongovernattivi permezz ta' għotjiet operatorji) jistgħu jiġu ffinanzjati wkoll minn din l-approprjazzjoni.

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul).

EFTA-ŻEE	268 669 6 6 0 0

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 09 — *AMBJENT U AZZJONI KLIMATIKA*

KAPITOLU 09 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2023		Bağit emendatorju Nru 1/2023		Ammont ġdid	
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
09 10	AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI							
09 10 01	***L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi — Direttivi u Konvenzjonijiet internazzjonali ambjentali***	3.2	4 786 813	4 786 813			4 786 813	4 786 813
	Riżervi (30 02 02)		*602 000*	*602 000*	*– 602 000*	*– 602 000*		
			5 388 813	5 388 813	– 602 000	– 602 000	4 786 813	4 786 813
09 10 02	***L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent***	3.2	51 879 007	51 879 007			51 879 007	51 879 007
	Riżervi (30 02 02)		*2 301 604*	*2 301 604*			*2 301 604*	*2 301 604*
			54 180 611	54 180 611			54 180 611	54 180 611
	Kapitolu 09 10 — Total		**56 665 820**	**56 665 820**			**56 665 820**	**56 665 820**
	Riżervi (30 02 02)		***2 903 604***	***2 903 604***	***– 602 000***	***– 602 000***	***2 301 604***	***2 301 604***
	Total inklużi r-riżervi		**59 569 424**	**59 569 424**	**– 602 000**	**– 602 000**	**58 967 424**	**58 967 424**

Kummenti

L-approprjazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex ikopru l-persunal u n-nefqa amministrattiva tal-aġenziji deċentralizzati (it-Titoli 1 u 2) u fejn applikabbli, in-nefqa operazzjonali relatata mal-programm ta' ħidma (it-Titolu 3).

Il-pjanijiet ta' stabbiliment tal-aġenziji huma stabbiliti fl-Anness "Persunal" ta' din it-taqsima.

L-aġenziji għandhom jinformaw lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trasferimenti ta' approprjazzjonijiet bejn in-nefqa operazzjonali u amministrattiva.

F'konformità mal-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, il-kontribuzzjonijiet li jaslu minn pajjiżi terzi (l-Istati tal-EFTA skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, il-pajjiżi kandidati u, jekk applikabbli, il-kandidati potenzjali tal-Balkani tal-Punent, jew pajjiżi terzi oħra) għall-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, l-ammonti mħallsa lura skont l-Artikolu 17 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/715 tat-18 ta' Diċembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju qafas għall-korpi mwaqqfin skont it-TFUE u t-Trattat Euratom u msemmija fl-Artikolu 70 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 122, 10.5.2019, p. 1) u kwalunkwe dħul assenjat ieħor imdaħħlin fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jagħtu lok għall-proviżjonament ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skont dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-artikolu jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

KAPITOLU 09 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI *(ikompli)*

09 10 01 L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi — Direttivi u Konvenzjonijiet internazzjonali ambjentali

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

	Approprjazzjonijiet 2023		Baġit emendatorju Nru 1/2023		Ammont ġdid	
	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
09 10 01	4 786 813	4 786 813			4 786 813	4 786 813
Riżervi (30 02 02)	*602 000*	*602 000*	*– 602 000*	*– 602 000*		
Total	5 388 813	5 388 813	– 602 000	– 602 000	4 786 813	4 786 813

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-persunal, in-nefqa amministrattiva u operazzjonali għall-attivitajiet tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi relatati mal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi, dwar pollutanti organiċi persistenti, dwar l-iskart u dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem.

Kontribuzzjoni totali tal-Unjoni	5 509 490
li minnhom l-ammont ġej mill-irkupru tas-surplus (dħul, l-artikolu 6 6 2)	120 677
Ammont imdaħħal fil-baġit	5 388 813

Dħul assenjat (oriġini, ammonti stmati u artikolu jew partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul):

EFTA-ŻEE	157 892 6 6 0 0

Bażiġuridika

Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

Ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 60).

Id-Direttiva (UE) 2018/851 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 li temenda d-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart (ĠU L 150, 14.6.2018, p. 109).

Ir-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-pollutanti organiċi persistenti (ĠU L 169, 25.6.2019, p. 45).

Id-Direttiva (UE) 2020/2184 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 435, 23.12.2020, p. 1).

Id-Deċiżjoni(UE) 2022/591 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' April 2022 dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2030 (ĠU L 114, 12.4.2022, p. 22–36).

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 09 — *AMBJENT U AZZJONI KLIMATIKA*

KAPITOLU 09 10 — AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI *(ikompli)*

09 10 01 *(ikompli)*

Atti ta' referenza

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji, li jħassar id-Direttiva 2006/66/KE u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 2019/1020 (COM (2020) 798 final).

KAPITOLU 09 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2023		Bagit emendatorju Nru 1/2023		Ammont ġdid	
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
09 20	PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA							
09 20 01	***Proġetti pilota***	3.2	5 200 000	4 703 289			5 200 000	4 703 289
09 20 02	***Azzjonijiet preparatorji***	3.2	p.m.	7 241 303			p.m.	7 241 303
09 20 04	***Azzjonijiet iffinanzjati fil-qafas ta' prerogattivi tal-Kummissjoni u ta' setgħat speċifiċi mogħtija lill-Kummissjoni***							
09 20 04 01	Il-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntiera				4 150 000	1 565 679	4 150 000	1 565 679
	Artikolu 09 20 04 — Sub-total				4 150 000	1 565 679	4 150 000	1 565 679
	Kapitolu 09 20 — Total		**5 200 000**	**11 944 592**	**4 150 000**	**1 565 679**	**9 350 000**	**13 510 271**

09 20 04 Azzjonijiet iffinanzjati fil-qafas ta' prerogattivi tal-Kummissjoni u ta' setgħat speċifiċi mogħtija lill-Kummissjoni

09 20 04 01 Il-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntiera

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2023		Bagit emendatorju Nru 1/2023		Ammont ġdid	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
		4 150 000	1 565 679	4 150 000	1 565 679

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-kostijiet tal-implimentazzjoni għall-mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntiera (is-"CBAM").

Il-mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri (is-"CBAM", "Carbon Border Adjustment Mechanism") huwa maħsub biex jindirizza l-emissjonijiet tal-gassijiet serra inkorporati fil-merkanzija koperti fir-Regolament propost, mal-importazzjoni tagħha fit-territorju doganali tal-Unjoni, sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Is-CBAM se jikkomplementa s-sistema stabbilita għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-Unjoni bid-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi japplika sett ekwivalenti ta' regoli għall-importazzjonijiet tal-merkanzija fit-territorju doganali tal-Unjoni koperti mir-Regolament propost.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 09 — *AMBJENT U AZZJONI KLIMATIKA*

KAPITOLU 09 20 — PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA *(ikompli)*

09 20 04 *(ikompli)*

09 20 04 01 *(ikompli)*

Atti ta' referenza

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fl-14 ta' Lulju 2021, li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri (COM(2021) 564 final).

IL-KUMMISSJONI

TITOLU 16

LIMITI MASSIMI ANNWALI STIPULATI FIL-QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 16 — *LIMITI MASSIMI ANNWALI STIPULATI FIL-QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI*

TITOLU 16

LIMITI MASSIMI ANNWALI STIPULATI FIL-QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2023		Bażit emendatorju Nru 1/2023		Ammont ġdid	
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
16 01	LIMITI MASSIMI ANNWALI STIPULATI FIL-QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
16 02	MEKKANIŻMI TA' SOLIDARJETÀ (STRUMENTI SPEĊJALI)	50 000 000	80 000 000			50 000 000	80 000 000
16 03	INNOVAZZJONI FIT-TEKNOLOĠIJI U L-PROĊESSI B'LIVELL BAXX TA' EMISSJONIJIET TAL-KARBONJU SKONT IS-SISTEMA GĦAN-NEGOZJAR TAL-EMISSJONIJIET (EMISSION TRADING SYSTEM, ETS)	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
16 04	UNJONI EWROPEA GĦALL-OPERAZZJONIJIET MUTWATARJI U MUTWANTI GĦALL-ISTATI MEMBRI	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
16 05	NEFQA OĦRA	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
	Titolu 16 — Total	**50 000 000**	**80 000 000**			**50 000 000**	**80 000 000**

TITOLU 16

LIMITI MASSIMI ANNWALI STIPULATI FIL-QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI

KAPITOLU 16 02 — MEKKANIŻMI TA' SOLIDARJETÀ (STRUMENTI SPEĊJALI)

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2023		Bağit emendatorju Nru 1/2023		Ammont ġdid	
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
16 02	MEKKANIŻMI TA' SOLIDARJETÀ (STRUMENTI SPEĊJALI)							
16 02 01	***Unjoni Ewropea (FSUE)***							
16 02 01 01	Istati Membri b'rabta mal-każijiet eliġibbli taħt il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE)	S	50 000 000	50 000 000			50 000 000	50 000 000
16 02 01 02	pajjiżi li qed jinnegozjaw għall-adeżjoni b'rabta mal-każijiet eliġibbli taħt il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE)	S	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
	Artikolu 16 02 01 — Sub-total		50 000 000	50 000 000			50 000 000	50 000 000
16 02 02	***Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG)***	S	p.m.	30 000 000			p.m.	30 000 000
16 02 03	***Brexit (BAR)***	S	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
16 02 04	***Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza - Kontribuzzjoni mill-BAR***						p.m.	p.m.
16 02 99	***Tlestija ta' programmi u attivitajiet preċedenti***							
16 02 99 01	Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (qabel l-2021)	S	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
	Artikolu 16 02 99 — Sub-total		p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
	Kapitolu 16 02 — Total		**50 000 000**	**80 000 000**			**50 000 000**	**80 000 000**

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 16 — *LIMITI MASSIMI ANNWALI STIPULATI FIL-QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI*

KAPITOLU 16 02 — MEKKANIŻMI TA' SOLIDARJETÀ (STRUMENTI SPEĊJALI) *(ikompli)*

Kummenti

Dan il-kapitolu huwa maħsub biex idaħħal approprjazzjonijiet li jirriżultaw mill-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea u mill-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għal Ħaddiema Ssensjati u r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit, li kollha huma strumenti speċjali previsti fir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093.

Skont l-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul assenjat imdaħħal fid-dikjarazzjoni tad-dħul jagħti lok għall-għoti ta' approprjazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni f'konformità ma' dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-oġġett jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

Bażiġuridika

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021 sa 2027 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 11).

Il-Ftehim Interistituzzjonali tat-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 28).

16 02 04 Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza - Kontribuzzjoni mill-BAR

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Approprjazzjonijiet 2023		Baġit emendatorju Nru 1/2023		Ammont ġdid	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
				p.m.	p.m.

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tikkomplementa r-riżorsi tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza wara talba mill-Istat(i) Membru/i għat-trasferiment tal-allokazzjoni proviżorja kollha jew parti minnha stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1803 tat-8 ta' Ottubru 2021 skont l-Artikolu 4a tar-Regolament (UE) 2021/1755. Ir-riżorsi trasferiti se jiġu implimentati f'konformità mar-regoli tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u għall-benefiċċju tal-Istat(i) Membru/i kkonċernat(i).

IL-KUMMISSJONI

TITOLU 20

NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-KUMMISSJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 20 — *NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-KUMMISSJONI EWROPEA*

TITOLU 20

NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-KUMMISSJONI EWROPEA

Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2023		Baġit emendatorju Nru 1/2023		Ammont ġdid	
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
20 01	MEMBRI, UFFIĊJALI U AĠENTI TEMPORANJI	2 652 971 000	2 652 971 000	945 000	945 000	2 653 916 000	2 653 916 000
20 02	PERSUNAL IEĦOR U NEFQA RELATATA MA' PERSUNI	274 990 584	274 990 584	524 591	524 591	275 515 175	275 515 175
20 03	NEFQA OPERATORJA AMMINISTRATTIVA	897 445 223	897 445 223			897 445 223	897 445 223
20 04	NEFQA RELATATA MAT-TEKNOLOĠIJI TAL-INFORMAZZJONI U TAL-KOMUNIKAZZJONI	232 802 304	232 802 304			232 802 304	232 802 304
20 10	AĠENZIJI DEĊENTRALIZZATI	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
20 20	PROĠETTI PILOTA, AZZJONIJIET PREPARATORJI, PREROGATTIVI U AZZJONIJIET OĦRA	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
	Titolu 20 — Total	**4 058 209 111**	**4 058 209 111**	**1 469 591**	**1 469 591**	**4 059 678 702**	**4 059 678 702**

TITOLU 20

NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-KUMMISSJONI EWROPEA

KAPITOLU 20 01 — MEMBRI, UFFIĊJALI U AĠENTI TEMPORANJI

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2023	Bagit emendatorju Nru 1/2023	Ammont ġdid
20 01	MEMBRI, UFFIĊJALI U AĠENTI TEMPORANJI				
20 01 01	***Membri***				
20 01 01 01	Salarji, gratifiki u pagamenti ta' Membri tal-istituzzjoni	7.2	11 228 000		11 228 000
20 01 01 02	Nefqa maniġerjali oħra tal-Membri tal-istituzzjoni	7.2	3 102 000		3 102 000
20 01 01 03	Gratifiki ta' Membri preċedenti	7.2	p.m.		p.m.
	Artikolu 20 01 01 — Sub-total		14 330 000		14 330 000
20 01 02	***Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju***				
20 01 02 01	Rimunerazzjoni u gratifiki — Kwartieri u uffiċċji ta' Rappreżentanza	7.2	2 444 004 000	764 000	2 444 768 000
20 01 02 02	Spejjeż u gratifiki konnessi mar-reklutaġġ, trasferimenti u terminazzjoni tas-servizz — Kwartieri u uffiċċji ta' Rappreżentanza	7.2	14 006 000	181 000	14 187 000
20 01 02 03	Rimunerazzjoni u gratifiki — delegazzjonijiet tal-Unjoni	7.2	141 550 000		141 550 000
20 01 02 04	Spejjeż u gratifiki konnessi mar-reklutaġġ, trasferimenti u terminazzjoni tas-servizz — delegazzjonijiet tal-Unjoni	7.2	8 221 000		8 221 000
	Artikolu 20 01 02 — Sub-total		2 607 781 000	945 000	2 608 726 000
20 01 03	***Uffiċjali li huma assenjati temporanjament mas-servizzi ċivili nazzjonali, organizzazzjonijiet internazzjonali jew istituzzjonijiet jew impriżi pubbliċi jew privati***	7.2	200 000		200 000
